# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 3 7

**Chairman: Dr Leslie Cuschieri** Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3212/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Alexander Schembri**

**vs**

**Arriva Malta Ltd, Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u Malta Public Transport Services Limited**

**dwar nuqqas da parti ta' l-intimati li jsejhu lura lir-rikorrent fil-pozizzjoni tieghu qabel ma' gie 'demoted' abbazi ta' ristrutturar.**

Illum 19 ta' Dicembru 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrent ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fl-24 ta' Frar 2014, u ffirmat minn Dottor Joanne Vella Cuschieri.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-rikorrent fetah dan il-kaz b'rikors fejn qal li originarjament huwa kien gie impjegat mal-kumpanija Arriva Malta Ltd bhala sewwieq fl-2011, imbaghad fl-2012 sar Depot Supervisor,u meta f'Awwissu 2013 kien stazzjonat fid-Deport tal-Floriana f'dik il-kariga meta gie infurmat li minhabba ristrutturazzjoni kellu jigi demoted ghal 'dispatcher', u li l-paga tiegh kienet ser tigi ridotta b'mod unilaterali b'elf Euro jew aktar. Imbaghad f'Novembru 2013 Arriva Malta Ltd hoqot pozizzjonijiet ta' 'duty mnagers' li bazikament kellhom jaghmlu ezatt l-istess xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent bhala Depot Supervisor. Il-postijiet ta'

duty managers imtlew kemm minn *Depot Supervisors* li kienu thallew fl-impieg kif ukoll minn terzi li gew impjeati esternament, u dan minkejja li f'dak l-istadju l-kumpanija kienet obbligata biex ai termini tal-Artikolu 36(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta toffri lura l-pozizzjoni ta' Deport Supervisor jew ahjar *duty manager* lir-rikorrent; pero` dan qatt ma sar. Jghid li dawk li f'Awwissu 2013 thallew fil-kariga ta' *Depot supervisors* inghataw zieda fil-paga ta' madwar elfejn Euro fis-sena, izda tali trattament ma inghatax lir-rikorrent, u ghalhekk saret diskriminazzjoni kontrih. Jghid li n-negozju tal-Arriva Malta Limited gie trasferit lill-intimata Malta Public Transport Services Ltd. Jghid li frott tal-imsemmija diskriminazzjoni, bhala dispatcher, huwa qed jaqla' madwar tlitt elef Euro (€3,000) fis-sena inqas minn dawk li inghataw il-grad ta' *'duty managers'*, apparti dak li tilef meta gie dimoss ghal dispatcher. In vista ta' dan il-ksur ta' ligi r-rikorrent talab li t-Tribunal Industrijali jordna lill-intimati jew min minnhom biex ir-rikorrent jinghata l-grad ta' 'Duty Manager'; jordna li r-rikorrent jithallas il-paga b'lura rapprezentanti d-differenza bejn il-grad ta' dispatcher u Duty Managers l-ohra sal-jum tar-retifika ta' l-ingustizzja; jordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu kumpens gust lir-rikorrent ai termini tal-provvedimenti tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; u li jaghti kwalunkwe ordni ohra u azzjoni ohra xierqa u opportuna fic-cirkostanzi. Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, ir-rikorrent ikkonferma dak li kien sostna fir-rikors promotur tieghu.

Hadd mill-intimati ma dahhal risposta jew Dikjarazzjoni tal-Kaz peress li, bi qbil bejn il-partijiet, l-ewwel kellhom jitkomplew id-diskussjonijiet pendenti li kienu intizi li jwasslu ghal arrangement bonarju bejn il-partijiet.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta tat-8 ta' April 2014 gie dikjarat li s-socjeta` intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited kienet fil-fatt l-istess entita' li

qabel kien jisimha Arriva Malta Ltd, u li ghalhekk l-isem Arriva Malta Ltd ma' kienx ghadu jintuza.

In oltre, il-partijiet infurmaw lit-Tribunal li kienu diga' ghaddejjin diversi diskussjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni bonarja bejn ir-rikorrent u l-Malta Public Transport Services (Operations) Ltd.

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014 il-partijiet infurmaw lit-Tribunal li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet, pero` tali ftehim kellu jingieb a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex fid-dawl ta' dak il-ftehim milhuq tinghata decizjoni dwar it-talbiet tar-Rikorrent.

IL-PROVI

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu biss id-dikjarazzjoni tar-rikorrent u l-ftehim milhuq bejn il-partijiet li gie esebit proprju jum qabel illum fit-18 ta' Dicembru 2014, u ghalhekk id-decizjoni trid tkun bil-fors bazata fuq dak li qed jirrizulta lil dan it-Tribunal mill-atti.

Apparti dak li intqal mir-rikorrent fir-rikors tieghu, hemm qbil li s-socjeta` intimata Public Tranport Services Limited ma ghandha ebda konnessjoni ma' din il-vertenza stante li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' intimata l-ohra Malta Public Transport Services (Operations) Limited, li qabel kienet imsejha Arriva Malta Limited. Il-partijiet qablu ukoll li r-rikorrent kien intitolat jinghata l-grad ta' Duty Manager b'effett immedjat u allura bil-paga u beneficcji ohra kollha relattivi ghal dan il-grad, pero` ghall-iskopijiet ta' seniority huwa ghandu jitqies daqslikieku ha din il-promozzjoni b'effett mill-4 ta' Awwissu 2013. Il-partijiet jaqblu wkoll li mhemmx lok li r-rikorrent ikun soggettat ghal perjodu ta' prova (probation) f'din il-kariga ta' Duty Manager. In oltre l-partijiet qablu li in kwantu r-rikorrent sofra telf ta' qliegh skond kif reklamat minnu fir-rikors, huwa ghandu jigi kumpensat bl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), liema hlas da parti tas-socjeta intimata ikun a saldu li r-

rikorrent ghandu jew seta' kellu qabel illum kontra l-istess kumpanija, liema hlas ghandu jigi effettwat sa l-ahhar tax-xahar kurrenti.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal m'ghandux wisq x'jiddelibera in kwantu dak li inghad hawn fuq jikkonsisti f'fatti li qablu fuqhom il-partijiet involuti.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz u c-cirkostanzi partikolari tieghu, it-Tribunal jikkonkludi u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt li jiddikjara li Arriva Malta Limited m'ghadhiex tezisti, jillibera lis-socjeta` Malta Public Transport Services Limited mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhix il-ligittima kontradittrici; qieghed jilqa' parzjalment it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront biss tas-socjeta' intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited billi jordna li r-rikorrent jinghata l-grad ta' Duty Manager b'effett mill-lum stess minghajr l-obbligu li jigi assoggettat ghal perjodu ta' prova (probationary period), tordna li mill-lum stess huwa ghandu jibda jithallas il-paga u l-beneficcji kollha li qed jircievu d-Duty Managers l-ohra, jordna li ghal skopijiet ta' seniority r-rikorrent ghandu jitqies daqslikieku huwa inghata l-grad ta' Duty Manager b'effett mill-4 ta' Awwissu tas-sena 2013; u finalment qieghed jordna lil Malta Public Transport Services (Operations) Limited thallas lir-rikorrent kumpens ta' darba fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2014. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman